MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2009

Avviz Numru. 263/2008

**Robert Arrigo & Sons Limited (C-7179)**

**Vs**

**Bruno Fabrice Stephane Lecuyer (ID 41981A)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih is-socjeta’ attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jkun ikkundanant stante illi :

1. Kien impjegat mas-socjeta’ rikorrenti b’kuntratt ghal zmien definit datat 11 ta’ Jannar 2005 (ara kopja tal-kuntratt anness mar-rikors u mmarkat bhala Dok A) u li kellu jibda minn dik l-istess data sal-10 ta’ Jannar 2009, ai termini tal-klawsola numru 8 (a) tal-istess kuntratt, u
2. informat lis-socjeta’ rikorrenti bl-intenzjoni illi jtemm l-impjieg tieghu b’effett mid-29 ta’ Jannar 2008 (ara

ittra datata 5 ta' Dicembru 2007, annessa u mmarkata bhala Dok B); u

3. sussegwentement l-konvenut hadem l-ahhar nhar it-28 ta' Jannar 2008, u temma u abbanduna l-impjieg tieghu minghajr raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi;

4. it-terminazzjoni ta' impjieg sehhet waqt il-perjodu *in vigore* ta' kuntratt definit u ghalhekk, ai termini tal-Aritkou 36(12) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta, is-socjeta' rikorrenti ghandha dritt tithallas somma ekwivalenti ghal nofs il-paga kollha li kienet tkun tmiss lil konvenut bejn id-29 ta' Jannar 2008 u l-10 ta' Jannar 2009;

5. il-konvenut debitament interpellat ihallas dak li hu dovut mill-konvenut skond il-ligi, il-konvenut baqa inadempjenti (ara kopja tal-ittra bonarja datata 8 ta' Jannar 2008, annessa mar-rikors u mmarkata bhala Dok C);

Il-konvenut ihallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' sitt elef mitejn u tnejn u ghoxirn Euro u hmistax-il centezmu (€6,222.15) rapprezentanti bilanc tas-somma ekwivalenti ghal nofs il-paga kollha li kienet tkun tmiss lill-konvenut bejn id-29 ta' Jannar 2008 u l-10 ta' Jannar 2009 wara li gew imnaqqsa minnha l-*commissions* dovuti lill-konvenut ammontanti ghal tlett elef, hames mija u sitta u hamsin Euro u hamsa u disghin centezmu (€3,556.95). Bl-imghaxijiet legali dekoribbli mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz sad-data ta' l-effettiv pagament, bl-oghla rata jew rati permessi mill-ligi, u bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.Rat id-dokumenti annessi a fol 2 sa fol 7 tal-atti.

Rat ir-risposta ta-istess konvenut (fol 15 ibid) u li biha espona bir-rispett:-

1. Illi prelimianrjament, l-azzjoni attrici hija monka peress li ma ntalbitx dikjarazzjoni li l-konvenut ttermina l-impjieg minghajr raguni tajba u bizzejjed skond il-ligi, liema dikjarazzjoni hija essenzjali biex tinholoq rabta bejn ir-ragunijiet tat-talba u dak li fil-fatt qed jintalab;

2. Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti ttermina l-impjieg tieghu stante raguni tajba u bizzejjed skond il-ligi u ai termini ta' l-Artikolu 36(14) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Illi preliminarjament ukoll, u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, dina l-Onorabbli Qorti hija nkompetenti *rationae materiae* li tinvesti l-eccezzjoni precedenti, u dan ai termini ta' l-Artikolu 75 tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, id-dispozzjonijiet legali li fuqhom hija msejsa l-kawza odjerna m'humiex applikabbli ghall-kaz odjern, stante li dawn gew eskluzi espressament mill-partijiet, kif jirrizulta mill-kuntratt ta' impjieg relattiv;
5. Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, u *dato ma non concesso* li l-esponent ittermina l-impjieg tieghu minghajr raguni tajba, ghandha tigi applikata favur tieghu id-disposizzjoni ta' l-Artikolu 36(12) tal-Kaptiolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tat-talba attrici;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat il-verbal a fol 18 tal-istess atti minn fejn jirrizulta illi l-konvenut waqt is-seduta tal-1 ta' April 2009, irrinunzja ghat-tielet (3) eccezzjoni.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet in konnessjoni mal-ewwel (1) eccezzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi din is-sentenza hi ristretta ghall-ewwel (1) eccezzjoni. Dwar din l-eccezzjoni, ghandu jinghad minnufih illi, fil-fehma ta' din il-Qorti, att gudizzjarju bhal dak in esami ossija r-rikors promotur jista' jigi dikjarat null ghal raguni jew ragunijiet <u>gravi</u> u, dejjem fil-fehma ta' din il-Qorti, l-eccezzjoni in esami ma' hiex qed tirreferi ghal xi raguni talment gravi li tista' b'xi mod tkun ta' pregudizzju ghall-konvenut.

Illi fid-difisa tieghu dan, premess, jekk wiehed jara it-tielet (3) premessa, jissemma, b’mod car, illi s-socjeta’ attrici qed tallega li l-konvenut temm u abbanduna l-impjeg tieghu minghajr raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi u originarjament, din il-Qorti trid tara jekk a bazi tal-provi li ser jigu prodotti, tali allegazzjoni hix gustifikata o meno.

Illi, ghalhekk l-eccezzjoni in esami bl-ebda mod ma’ tista’ tigi akkolta.

Ghaldaqstant, il-Qorti tichad l-ewwel (1) eccezzjoni kif proposta u Tordna li din il-kaz jitkompla skond il-ligi. Bl-ispejjes riservati.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------